public service

# - I CHOOSE FAIR -

## CAREERS IN THE PUBLIC SECTOR

19TH JULY 2024

# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

SERVIZZ PUBBLIKU

## Librar

**Żgur li xi darba jew oħra żortu l-librerija, forsi dik tal-iskola jew inkella fil-belt jew raħal fejn toqogħdu, biex tissellfu xi kotba. U jekk ma tantx tmorru, minn hawnhekk niġbdulkom ftit widnejkom għax fil-libreriji verament issib kotba u stejjer li jgħoddu għal kulħadd.**

Wara dik il-kollezzjoni ta' kotba li ssibu ġo librerija, dejjem issib il-librar. Din hi karriera tassew interessanti li joffri s-Servizz Pubbliku.

Imdawwar bil-kotba, il-librar għandu xogħol importanti ħafna. Irid jiġbor u jorganizza l-materjal informattiv, kif ukoll jgħin lin-nies ifittxu l-informazzjoni meħtieġa. It-teknoloġija għenet biex ir-rwol tal-libreriji u l-librar ikomplu jevolvu biex jaqdu aktar il-ħtiġijiet tal-komunità tal-lum. Illum il-materjal li nsibu fil-libreriji jvarja minn kotba stampati sa formati oħra, bħall-awdjo, il-viżiv u l-elettroniku.

Il-librar professjonali jista' jispeċjalizza u jaħdem f'tipi differenti ta' libreriji, fosthom librerija nazzjonali, pubblika, tal-iskola, akkademika jew dik speċjalizzata.

Kollha għandhom rwol differenti. Pereżempju l-librerija nazzjonali tara li tipproteġi l-wirt kulturali miktub kif ukoll tgħin fir-riċerka; il-librerija pubblika taqdi lill-komunità kollha tal-madwar b'kotba ta' kull xorta; u l-librerija tal-iskola tiffoka aktar fuq l-etajiet u l-bżonnijiet tagħkom l-istudenti.

Jekk tħobb taqra u tesplora dinjiet differenti permezz tal-kotba, żgur li dan ix-xogħol se jogħġbok. Mhux biss għax se tkun imdawwar b'kotba u pubblikazzjonijiet ta' kull tip, iżda wkoll għax se tkun qed tgħin lil ħaddieħor jagħmel l-aqwa użu minnhom.



## Karriera fil-finanzi

**Jekk għandek għal qalbek in-numri, mela żgur li s-Servizz Pubbliku jista' joffrilek karriera fil-futur.**

**Fis-Servizz Pubbliku hemm bosta karrieri li fihom tara ħafna numri, tixtarrhom u tgħin biex fuqhom jittieħdu deċiżjonijiet importanti.**

Waħda mill-karrieri ta' dan it-tip hi dik ta' accountant, li jieħu ħsieb affarijiet relatati mal-finanzi. Biex nagħtu eżempju ċkejken, il-ġenituri tiegħek jikkalkulaw sew il-paga kif se jonfquha u kif se jikkontrollaw l-ispejjeż. Jiċċekkjaw kemm għandhom flus u jippjanaw kif se jonfquhom u għaliex. Dan jissejjaħ 'baġit'. Imbagħad jaraw li dak li jkun ippjanat iseħħ verament. U hemmhekk fejn jibdew jagħmlu l-kontijiet.

L-istess jagħmlu l-uffiċjali pubbliċi li jaħdmu f'dak li jissejjaħ 'accounting & finance' – jieħdu ħsieb il-flus ta' dipartiment sħiħ, jaraw li kollox jinxtara bil-galbu u kif suppost, u jħallsu lin-nies, fost dmirijiet oħrajn.

Karriera oħra hi dik ta' awditur, li jara li dawn l-uffiċjali jkunu użaw in-numri tajjeb u kollox mexa kif suppost.

Biex il-pajjiż jimxi 'l quddiem hemm bżonn ukoll dawk li jissejħu 'ekonomisti'. Dawn jaraw l-istampa sħiħa ta' kif ikun sejjer il-pajjiż, jgħarblu xi jkun qed jiġri, u b'hekk ikunu jistgħu jippjanaw 'il quddiem biex il-pajjiż jiġġenera l-ġid li jasal għand il-familji kollha.

Filwaqt li suġġetti bħall-matematika jistgħu jgħinuk, kif tiesti l-iskola hemm diversi korsijiet li jgħinuk tidħol f'din id-dinja tan-numri li tagħtik ħafna sodisfazzjon.




*Żomm kuntatt magħna!*
**Fb.com/servizzpubbliku**

# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

## Karrieri mal-annimali

SERVIZZ PUBBLIKU dejjem miegħek



**Hawn nies li tant iħobbu l-annimali li jkunu jridu jaħdmu magħhom ukoll.**
**Int wieħed jew waħda minnhom?**




Fis-Servizz Pubbliku hemm diversi xogħlijiet relatati mal-annimali u ż-żamma tagħhom – nies li jħobbu l-annimali tant li xogħolhom hu li jaraw li ma jbatux, kif ukoll jassiguraw li kull min iżomm l-annimali jieħu ħsiebhom u jittrattahom sew.

Bħan-nies l-annimali wkoll ikollhom bżonn it-tobba tagħhom. Dawn jissejħu 'veterinarji' u jridu jistudjaw daqs tobba oħra imma jispeċjalizzaw fil-kreaturi ħlieb tal-bniedem. Bħat-tobba tan-nies il-veterinarji m'għandhomx ħinijiet fissi, biex dejjem jaraw kif ifejqu u jipprevenu l-mard. Importanti wkoll li jibqgħu dejjem jistudjaw sabiex iżommu ruħhom aġġornati mas-suġġett.

Il-veterinarji, flimkien ma' uffiċjali pubbliċi oħra li jassistuhom, għandhom ukoll ir-rwol li jwettqu żjarat jew aħjar spezzjonijiet f'postijiet li jżommu l-annimali. Dan isir biex jassiguraw li l-ħlejjaq kollha huma trattati kif suppost. Jekk isibu xi persuni li jabbużaw mill-annimali, bħal pereżempju jżommu ħafna annimali bil-ġuħ, jew f'xi post żgħir, allura jridu jieħdu azzjoni anke bl-għajnuna tal-Pulizija. F'każ li jinstabu annimali morda, allura trid tittieħed azzjoni immedjata, speċjalment jekk il-marda tkun tittieħed.

Fis-Servizz Pubbliku hemm ukoll is-sezzjoni li tissejjaħ 'Animal Welfare', fejn uffiċjali pubbliċi jkunu mħarrġa biex ikunu ta' għajnuna għall-annimali skont il-bżonn. Mhux l-ewwel darba li jmorru jiġru b'ambulanza apposta biex isalvaw annimali mweġġgħin jew li jkunu sabu ruħhom f'xi periklu! Dawn jirċievu telefonati fuq 1717, li hu n-numru li trid iċċempel meta tiltaqa' ma' każijiet simili. L-Animal Welfare taħdem il-ħin kollu, anke bil-lejl.

Anke l-annimali li jitrabbew biex jagħtuna l-ikel, bħal ngħidu aħna t-tiġieġ, il-baqar u l-ħnieżer, xorta għandhom dritt jgħixu b'mod diċenti sakemm ikunu ħajjin, u dritt li jinqatlu malajr u bla wġigħ. Dan huwa kollu xogħol li jinvolvi dedikazzjoni kbira.

Uffiċjali tas-Servizz Pubbliku jieħdu ħsieb ukoll ir-razzett tal-Gvern, li jinsab l-Għammieri. Dan hu post interessanti immens għax hemm jinżammu ħafna annimali lokali li kważi spiċċaw. Għalhekk dawn l-uffiċjali jħaddmu dawk li jissejħu 'programmi ta' konservazzjoni', biex il-popolazzjoni ta' dawn l-annimali ma tispiċċax u b'hekk nibqgħu ngawduhom.



Fost dawn l-annimali fl-Għammieri bħalissa nsibu l-għoġol Malti, nagħaġ u mogħoż kif ukoll it-tiġieġa s-sewda. Dawn l-annimali jkun hemm nies li jieħdu ħsiebhom kuljum, min biex jagħtihom l-ikel u jara li ma jonqoshom xejn u min biex ikompli jistudjahom b'aktar riċerka.

Dan jurina kif is-Servizz Pubbliku għandu varjetà ta' ħaddiema f'dan il-qasam – minn veterinarji sa Animal Welfare Officers, xjentisti u uffiċjali oħra, li flimkien jaħdmu favur l-annimali kuljum, b'sodisfazzjon kbir.








# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

## Karrieri fl-IT



### ILLUM IL-ĠURNATA ĦADD MA JGĦADDI MINGĦAJR KOMPJUTER.

Biex is-Servizz Pubbliku jkun jista' jaħdem u jaqdi lin-nies, l-uffiċjali tiegħu jużaw il-kompjuters u t-teknoloġija. Allura bilfors hemm bżonn nies bravi li jaħdmu mas-Servizz Pubbliku u jkunu intiżi fit-teknoloġija.

Il-ħidma ta' dawn l-uffiċjali tal-ICT tagħmilha possibbli biex is-Servizz Pubbliku jagħti s-servizz mixtieq min-nies. Dawn l-uffiċjali jkunu l-ewwel sapport meta tinqala' xi problema fil-kompjuters, jew xi uffiċjal ikollu bżonn l-għajnuna biex jinstalla l-ewwel affarijiet. B'hekk, permezz ta' dawn l-uffiċjali, il-ħidma tibqa' għaddejja mingħajr intoppi.

Għandek uffiċjali oħra li xogħolhom hu li jaraw li l-infrastruttura teknoloġika tkun waħda effiċjenti u aġġornata. Dan jinkludi fost l-oħrajn siti elettroniċi, biex meta xi ħadd ikollu bżonn xi servizz jew xi informazzjoni relatata, isib sit elettroniku tajjeb. Jaraw ukoll li tinħażen b'mod tajjeb u sigur l-informazzjoni.

Għandek karrieri oħra li jispeċjalizzaw aktar f'xi qasam jew ieħor tat-teknoloġija. Ħafna drabi dawn insibuhom il-MITA, l-aġenzija nazzjonali tal-IT.

Computer programmer hu dik il-persuna li tipprovdi soluzzjonijiet teknoloġiċi biex jintużaw għal xi skop partikolari. Dan proċess li jinkludi l-iddisinjar, l-iżvilupp u l-ittestjar tas-software. Il-computer programmer irid ukoll jiżgura li s-software jiġi żviluppat skont l-istandards tal-industrija, joffri soluzzjonijiet affidabbli, ikun effiċjenti u sigur, u jilqa' kontra s-cyberattacks.

Proprju s-cyberattacks jirrikjedu uffiċjali oħra li jispeċjalizzaw f'dan il-qasam, biex is-Servizz Pubbliku u ċ-ċittadini Maltin ma jsofrux minn diversi attakki, fosthom hacking u phishing, fost l-oħrajn. Daqskemm niddependu mill-apparat teknoloġiku, daqstant ieħor importanti li nibqgħu siguri u nużaw it-teknoloġija b'mod responsabbli. Għalhekk il-MITA għandha wkoll infrastruttura apposta biex mhux biss tilqa' għall-attakki imma tkun tista' tosserva minn qabel, tipprevjeni l-attakki u taqsam l-informazzjoni ma' ħaddieħor.

Uffiċjali oħra huma inkarigati li jiżviluppaw u jħaddmu soluzzjonijiet għal servizzi partikolari li jkollu bżonn is-Servizz Pubbliku. Fosthom insibu soluzzjonijiet għall-ġbir tat-taxxi, tqassim tas-servizzi soċjali, sistemi ta' pagamenti u servizzi oħra offruti online, magħrufa bħala eGovernment.

Ninsabu ċerti wkoll li fl-iskola l-għalliema tagħkom jużaw ħafna programmi edukattivi u teknoloġija biex jispjegawlkom, allura anke fl-iskejjel ikun hemm ħaddiema li jifhmu ħafna fit-teknoloġija.

Għal karriera fl-IT jgħinuk ħafna suġġetti bħax-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika. Dawn is-suġġetti jgħinu ħafna lil dawk l-istudenti li jixtiequ jiżviluppaw karriera fil-qasam tal-ICT. Għalhekk dejjem oqogħdu attenti fil-lezzjonijiet għax jiswielkom ferm meta tikbru! 'Il quddiem tajjeb ukoll li titgħallem diversi lingwi tal-kompjuter, pereżempju Python, C#, Java u JavaScript. Dawn jintużaw biex jinkitbu l-istruzzjonijiet li l-kompjuter irid jinterpreta sabiex jaqdi l-funzjonijiet meħtieġa.

Il-programmer jeħtieġ li jkun persuna kreattiva, tħobb it-teknoloġija u jkollha ħiliet tajba ta' komunikazzjoni. Jeħtieġ ukoll li l-persuna tkun loġika u analitika fix-xogħol tagħha. Dawn iż-żewġ kompetenzi jgħinu biex wieħed ifassal is-soluzzjonijiet meħtieġa.

Karriera fil-qasam tal-ICT toffri lill-individwu sodisfazzjon fix-xogħol tiegħu billi wieħed ikun qed jiżviluppa soluzzjonijiet li mbagħad jiġu użati kontinwament minn firxa kbira ta' nies.

*Żomm kuntatt magħna!*



# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

## Suldat fil-Forzi Armati ta' Malta



Suldat fil-Forzi Armati ta' Malta huwa prinċipalment inkarigat li jżomm l-integrità territorjali u s-sigurtà ta' Malta. Minbarra d-dmirijiet ta' rutina ta' suldat, l-Armata toffri diversi opportunitajiet fi professjonijiet differenti. Dawn jinkludu suldati li huma impjegati bħala koki, infermiera, mekkaniks, tekniċi u bandisti fost l-oħrajn. Ix-xogħol ta' suldat fil-Forzi Armati ta' Malta huwa wieħed li jispikka minn xogħlijiet oħrajn. Dan minħabba n-natura tax-xogħol innifsu, id-dixxiplina li tirrikjedi din il-professjoni u l-isfidi kontinwi li suldat ikollu jiffaċċja waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Il-proċess sabiex wieħed jissieħeb fil-Forzi Armati ta' Malta jibda billi toħroġ sejħa għall-ingaġġ. Wara li persuna interessata tissottometti applikazzjoni, isiru numru ta' eżamijiet. Dawn jinkludu eżamijiet mediċi u fiżiċi u intervista li fiha l-applikanti magħżula jibdew flimkien dak li jissejjaħ "reklutaġġ". Dan huwa perjodu ta' taħriġ intensiv sabiex l-individwu jibda jitgħallem is-sengħa ta' suldat. L-għanijiet ewlenin tar-reklutaġġ huma sabiex ikun hemm tranżizzjoni mill-ħajja ċivili għal dik militari kif ukoll biex grupp ta' suldati prospettivi jkunu ħadu l-istess tagħlim militari bażiku u jkunu konformi ma' suldati oħrajn li diġà qegħdin iservu. Huwa tabilħaqq f'dan iż-żmien li individwu jibda jitgħallem il-professjoni ta' suldat.

public service



servizz pubbliku

Wara li jtemm b'suċċess ir-reklutaġġ, ir-rekluta jiggradwa bħala gunner. Qabel tmiem ir-reklutaġġ kull rekluta jiġi mistoqsi biex jindika liema sezzjoni jippreferi, li fiha jkun jixtieq ikompli jibni l-karriera tiegħu. Hemm diversi sezzjonijiet fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta li gunner jista' jservi fihom, pereżempju fl-Ewwel Riġment (riġment inkarigat primarjament minn xogħol ta' sigurtà u operazzjonijiet fuq l-art), l-Iskwadra tal-Avjazzjoni u l-Iskwadra Marittima.

Meta gunner jiġi stazzjonat fi kwalunkwe sezzjoni dan jingħata taħriġ speċjalizzat f'oqsma aktar speċifiċi. Hawnhekk suldat jista' jispeċjalizza bħala xufier ta' vetturi militari, kok, bandist u ħaddiem ta' sengħa partikolari, bħal welder, mastrudaxxa u ħafna oħrajn. Grazzi għal dan it-taħriġ gunner jista' eventwalment ikompli jipprogressa fil-karriera tiegħu u jikseb promozzjonijiet oħrajn fil-futur.

It-tagħlim huwa proċess kontinwu fil-karriera ta' suldat fil-Forzi Armati ta' Malta. Dan ma jinkludix biss taħriġ militari iżda jinkludi wkoll tagħlim akkademiku, mogħti lokalment jew fi wħud mill-aqwa skejjel militari lil hinn minn xtutna. Dan huwa essenzjali sabiex is-suldat Malti jkun dejjem aktar mgħammar u aġġornat b'ħiliet aktar avvanzati, sabiex ikun f'pożizzjoni aħjar biex jaqdi dmirijietu bl-ogħla livelli ta' professjonalità.

Forsi ħafna jassoċjaw ix-xogħol primarju tas-suldat Malti ma' dak li jipprovdi sigurtà fil-gżejjer Maltin u fl-ispazji (il-baħar u l-ajru) tat-territorju tagħhom. Dan huwa veru. Ta' kuljum issir sorveljanza ma' postijiet sensittivi bħall-Berġa ta' Kastilja u l-Palazz ta' Sant'Anton fost l-oħrajn. Rondi ta' sorveljanza fl-ispazji tat-territorju tagħna jsiru wkoll regolarment. Ma nistgħux ma nsemmux ix-xogħol tant siewi ta' tiftix u salvataġġ, fejn is-suldat Malti jsalva tant ħajjiet ta' dawk f'perikli kbar.

Ugwalment importanti huwa l-irwol tas-suldat li mhuwiex ingaġġat f'sezzjoni operattiva imma forsi f'sezzjoni amministrattiva jew ta' sapport loġistiku. Fost dawn insibu skrivani, koki, xufiera, infermiera, tobba, nies li jaħdmu fl-imħażen militari kif ukoll suldati li għandhom xi sengħa partikolari. Għaldaqstant nistgħu ngħidu li bħala organizzazzjoni dejjem naraw li kemm jista' ikun l-Armata tkun awtosuffiċjenti (ma tiddependi minn ħadd).

Il-Forzi Armati ta' Malta hija bħal katina: katina twila b'saħħitha magħmula minn ħafna ħoloq. Kull ħolqa tirrappreżenta l-kompetenza ta' kull suldat fil-Forza. Ħolqa waħda fraġli jew difettuża u din l-katina tiddgħajjef jew tinqata'. Tabilħaqq ix-xogħol ta' suldat fil-Forzi Armati ta' Malta huwa xogħol li jirrikjedi dedikazzjoni, sagrifiċċju u impenn, biss huwa wkoll xogħol li jagħtik sodisfazzjon għal ħajtek kollha.

*Żomm kuntatt magħna!*



SERVIZZ PUBBLIKU

# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

## L-Infermier

**JEKK INT PERSUNA LI THOBB TGHIN LIL HADDIEHOR ALLURA TAJJEB TIKKUNSIDRA LI TILHAQ INFERMIER.**



Aktarx li ġieli ltqajtu man-nurse tal-iskola li tiġi minn żmien għal żmien biex tarakom u teżaminalkom daharkom jew għajnejkom. Minbarra fl-iskejjel wieħed jista' jsib in-nurses fejn hemm servizzi ta' saħħa, bħal fl-isptarijiet, iċ-ċentri tas-saħħa, fid-djar tal-anzjani u postijiet oħra.

Ix-xogħol ta' infermier hu varjat u interessanti. Hemm nurses li jieħdu ħsieb il-morda u hemm dawk li juruna kif nagħmlu biex ma nimirdux u ngħixu b'saħħitna. Hemm nurses li jassistu fl-operazzjonijiet, nurses edukaturi u anke riċerkaturi. In-nurses jistgħu jimxu fil-karriera tagħhom u jilħqu managers jew anke jsiru speċjalisti f'oqsma varji tas-saħħa.

Fil-kura primarja, jiġifieri fiċ-ċentri tas-saħħa, l-infermiera jagħmlu diversi check-ups lin-nies, fosthom dawk li fihom jiċċekkjawlhom il-pressjoni u l-livell taz-zokkor fid-demm.

Fil-kura sekondarja, li tingħata ġo sptar, insibu nurses li jkunu qed jassistu pazjenti li jirrikjedu interventi ta' malajr wara li tiġi determinata l-kundizzjoni tagħhom. Hawnhekk in-nurse għandha rwol importanti flimkien ma' professjonisti oħra, bħat-tobba u l-ispeċjalisti, biex il-kura tkun massima u effettiva. Din it-tip ta' kura tirrikjedi li n-nurse tieħu ħsieb ħafna affarijiet li jikkonċernaw il-kura. Fosthom trid tkun taf tħaddem apparat relatat mal-mediċini li jkollu bżonn il-pazjent.

Illum in-nursing sar ukoll speċjalizzat b'tali mod li n-nurses huma kapaċi jmexxu kliniċi waħedhom, bħal pereżempju dawk li ngħidulhom 'wound clinics'. Hawnhekk l-infermiera kapaċi jikkuraw feriti fil-pazjenti u japplikaw dressings speċifiċi skont il-ġrieħi.

Ma nistgħux ma nsemmux nurses li jispeċjalizzaw fil-kura mentali. Illum din il-kura qed tidħol fid-djar tal-pazjenti li jkollhom bżonnha. Għalhekk hemm sezzjoni apposta li tissejjaħ 'Mental Health Outreach'. In-nurses hawn imorru għand il-pazjenti u jindirizzaw bżonnijiet neċessarji għall-kura mentali li jeħtieġu. Din il-kura tagħmel impatt pożittiv kbir biex il-pazjent jirkupra mill-kundizzjoni mentali li jkun qiegħed isofri minnha.







Il-kura fil-qasam tal-anzjani hija importanti wkoll, speċjalment meta l-popolazzjoni anzjana qiegħda kulma jmur tiżdied. Hawnhekk in-nurses għandhom rwol importanti wkoll għax jieħdu ħsieb il-bżonnijiet kollha tal-anzjani, biex dawn ikunu jistgħu jgħixu ħajja normali kemm jista' jkun. In-nurses jorganizzaw ħafna attivitajiet biex iżommu lill-anzjani okkupati u kuntenti tul il-kura tagħhom.

Waħda min-nurses li kienet pijuniera fil-professjoni tan-nursing hija Florence Nightingale. Din in-nurse kienet tgħix bejn is-seklu dsatax u għoxrin u kienet il-fundatriċi tan-nursing kif nafuh illum. Hija introduċiet prinċipji bażiċi fil-kura tal-marid, fosthom il-kontroll tal-infezzjoni. Illum għadna nħaddnu l-istess prinċipji li din in-nurse introduċiet, fosthom – u l-aktar importanti – il-ħasil tal-idejn u l-iġjene.

Matul is-snin il-professjoni tan-nurses inbidlet u mxiet 'il quddiem. Għaldaqstant, marbut max-xewqa li tgħin, l-istudju hu importanti wkoll. Biex issir nurse trid tistudja u żżomm ruħek aġġornat dwar l-iżviluppi li jsiru minn żmien għal ieħor.

Ix-xogħol ta' nurse jagħtik ħafna sodisfazzjon. U bilħaqq, għalkemm in-nurse ġeneralment nirreferu għaliha fil-femminil, nurse tista' tkun kemm mara u kemm raġel. Għalhekk jekk tassew tixtieq issir infermier, taqtax qalbek. Jekk tagħmel moħħok hemm u tistudja, tasal biex twettaq il-ħolma tiegħek. Qed nistennewk!






public service

Żomm kuntatt magħna!

# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

SERVIZZ PUBBLIKU

## Karriera fit-Turiżmu

**ŻGUR LI XI DARBA JEW OĦRA SMAJTU BIL-KELMA "TURIŻMU". DAN HU SETTUR IMPORTANTI FERM F'MALTA U GĦAWDEX, U MINNU, KIF NGĦIDU BIL-MALTI, JIEKLU ĦAFNA NIES.**

It-turiżmu huwa meta nies minn barra minn Malta jiġu f'pajjiżna biex iqattgħu perjodu ta' żmien. Dan jista' jkun li jagħmluh bħala vaganza jew inkella minħabba xogħol jew għal raġunijiet oħra, pereżempju biex jagħmlu xi operazzjoni għal saħħithom, biex isegwu xi kors edukattiv, jew għal raġunijiet oħra. Għalhekk hu tassew importanti li t-turisti jieħdu ħsiebhom sew u fl-istess ħin jieħdu ħsieb pajjiżna, ħalli jibqa' jattirahom.

Għal dan il-għan is-Servizz Pubbliku għandu diversi ħaddiema u uffiċjali biex ikollhom jagħmlu xogħol differenti relatat mat-turiżmu. Ejja nagħtu ħarsa lejn uħud minnhom.

L-ewwel nett importanti li aktar u aktar nies ikunu jafu bis-sbuħija ta' Malta. Għalhekk hemm dik li tissejjaħ l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA), li għandha l-għan li tirreklama lil pajjiżna barra minn xtutna. Kif tafu intom pajjiżna għandu ħafna attrazzjonijiet li t-turisti jistgħu jaraw, mill-bajjiet sbieħ sal-postijiet storiċi tagħna. Allura xogħol l-MTA, fost l-oħrajn, hu li tipprova tattira kemm jista' jkun turisti, u b'hekk ħafna familji Maltin jaqilgħu l-ħobża tagħhom, fosthom dawk li jaħdmu fil-lukandi, f'diversi negozji, ħwienet u restoranti, u ħafna oħrajn.

Illum, issir ħafna xogħol biex mhux biss nirriklamaw lil pajjiżna iżda jkollna prodott aktar komplut li jgħinna nħajru turisti differenti. Peress li avvenimenti kbar jiġbdu ħafna turisti lejn pajjiżna, għandek dipartimenti li jorganizzaw u jippromwovu avvenimenti varji, ngħidu aħna l-kunċerti mużikali, attrazzjonijiet kulturali u attivitajiet sportivi fost l-oħrajn. Bl-istess mod il-Kummissjoni tal-Films taħdem biex tattira lejn xtutna produzzjonijiet tal-films biex jiġu jiġbdu hawn Malta. Dawn l-isforzi kollha jgħinu biex it-turisti jiġu pajjiżna s-sena kollha u mhux biss fis-sajf.

L-indafa hi essenzjali biex min jiġi hawn ikollu esperjenza sabiħa; għax min jieħu gost f'post maħmuġ? Għalhekk hemm dipartiment apposta biex jikkordina l-indafa ma' Malta kollha. Dan jieħu ħsieb ukoll il-manutenzjoni ta' bosta elementi li nsibu fit-toroq tagħna, minn bankijiet u funtani sa tabelli informattivi fost l-oħrajn. Hemm ukoll aġenzija li jisimha Tourism Zones Regeneration, li tiffoka fuq il-postijiet turistiċi u tieħu ħsieb li aktar postijiet ikunu attrazzjonijiet huma wkoll. B'hekk Malta tkun tista' tibqa' tikkompeti ma' pajjiżi ferm akbar minnha anke f'dan is-settur.

Jekk tinteressak l-industrija turistika ta' pajjiżna hemm diversi rotot li tista' tieħu. Fuq kollox hemm l-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS), li jista' jgħinek tispeċjalizza fl-ospitalità, jew inkella l-MCAST, li għandu numru kbir ta' korsijiet interessanti ferm.

B'hekk meta tikber tkun tista' tingħaqad mas-Servizz Pubbliku u tgħinna biex bi mħabba lejn pajjiżna nieħdu ħsieb u nipprovdu servizz u nagħmlu l-isbaħ verżjoni ta' Malta u Għawdex mat-turisti li jiġu jżuruna.

Żomm kuntatt magħna!







public service

# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

servizz pubbliku

## Il-Perit



### Trid tilhaq perit?

Il-professjoni ta' perit mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi hija karriera li tikkonsisti minn ħidmiet varji, partikolarment għaliex dan id-dipartiment għandu f'idejh proġetti differenti.

Ibqa' tgħallem, informa ruħek u tħarreġ bil-ħiliet li ttik l-edukazzjoni. Wara l-istudji sekondarji jkun jeħtieġ li tkompli titgħallem fuq livell terzjarju fl-oqsma tal-Matematika, il-Fiżika, it-Technical Drawing, il-Ġografija u l-Kimika fost suġġetti oħra. Student interessat fix-xogħol ta' perit irid ikompli l-istħarriġ tiegħu fl-Università ta' Malta jew f'xi università fl-Ewropa.

### Xi jsir mill-perit waqt proġett?

Xi drabi x-xogħol ikun jitlob li jsir fl-uffiċċju, biex il-perit jagħmel ir-riċerka neċessarja jew jagħmel id-disinn ta' proġett ġdid, fost xogħol ieħor. Drabi oħra x-xogħol ikun jitlob li l-perit imur iżur is-siti tal-proġetti li jkun involut fihom.

Għalkemm is-suġġetti akkademiċi huma bżonjużi, perit għandu jkollu ħiliet oħra, biex jaħseb b'mod kritiku u jesplora diversi metodi li bihom wieħed ikun jista' jilħaq l-iskop tal-proġett.

Dawn il-ħiliet illum il-ġurnata huma meħtieġa minħabba r-rata mgħaġġla li biha qed jevolvu t-teknoloġija u l-iżvilupp tal-materjali użati fl-industrija. Il-perit f'xogħlu għandu jkun konxju wkoll mill-impatt li t-tibdil fil-klima qed ikollu fuq id-dinja u fuq l-ambjent ta' madwarna. Fl-aħħar mill-aħħar l-importanti hu li l-perit ikun kburi bil-proġetti li jkun ħadem fuqhom, sabiex finalment kemm is-soċjetà kif ukoll l-ambjent jibbenifika minnhom għal żmien kemm jista' jkun twil.

public service

Żomm kuntatt magħna!

## L-Inġinier



### Trid tilħaq inġinier?

Il-professjoni ta' inġinier hija waħda li timraħ f'numru ta' speċjalizzazzjonijiet differenti. Fost dawn insibu l-inġinerija li hija marbuta mat-telekomunikazzjoni, mat-teknoloġija tal-informatika, mal-intelliġenza artifiċjali, mal-avjazzjoni, dik marittima, mal-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija elettrika, mas-sigurtà , mal-enerġija rinnovabbli u mal-manifattura. Minħabba t-tibdil kontinwu fit-teknoloġija din il-professjoni dejjem qed tevolvi. Ghalhekk l-inġiniera jridu jibqgħu jaġġornaw lilhom infushom sabiex ikunu jistgħu jibqgħu jwettqu l-irwoli tagħhom.

Is-suġġetti prinċipali biex wieħed isir inġinier huma l-Matematika u l-Fiżika. Minkejja dan it-teknoloġija tal-informatika hija suġġett importanti wkoll. Dan minhabba li llum l-inġiniera jużaw is-software u għodod oħra teknoloġiċi sabiex jagħmlu disinji ta' simulazzjoni qabel ma jiġu implimentati l-proġetti. Barra minn hekk l-iżviluppi li kontinwament isiru huma kollha bbażati fuq it-teknoloġija tal-informatika.

### X'jinvolvi x-xogħol ta' inġinier fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi?

Fil-biċċa l-kbira tagħhom l-inġiniera tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi huma inġiniera elettriċi u mekkaniċi. Huma jkunu involuti f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni, li fost l-oħrajn jinkludu proġetti nazzjonali. Dawn ivarjaw minn proġetti ta' bini ġdid sa faċilitajiet f'parks u spazji pubbliċi, iżda mhux biss. L-inġinier jieħu hsieb ukoll xoghlijiet ta' tisbiħ tal-uffiċini, bini prominenti, spazji pubbliċi u installazzjonijiet ta' diversi sistemi ta' dawl. Illum il-ġurnata d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi jiffoka l-aktar sabiex il-binjiet pubbliċi jkunu sostenibbli. Għalhekk l-irwol tal-inġinier issa sar aktar importanti bl-implimentazzjoni ta' sistemi rinnovabbli tal-enerġija u teknoloġija innovattiva sabiex it-thaddim tal-enerġija jkun dejjem aħjar. B'hekk jinħoloq ambjent aktar sigur u komdu għal dawk li jkunu se jużaw il-binjiet.

### Xi jsir mill-inġiniera waqt proġett?

L-irwol tal-inġiniera jibda sa mill-bidu nett tal-kunċett tal-proġett. Iktar 'il quddiem, aktar ma l-proġett jibda jiżviluppa, l-inġiniera jkollhom irwol aktar ċentrali fejn jidħol id-disinn tas-sistemi sabiex il-proġett jitlesta. Matul il-proċess kollu l-inġiniera jsegwu x-xogħlijiet mill-viċin permezz tas-superviżjoni, filwaqt li jaghtu l-pariri tekniċi taghhom lill-ħaddiema u lill-persuni responsabbli mill-proġett. Fi tmiem il-proġett l-inġiniera jkunu responsabbli li jagħmlu verifiki u testijiet tax-xogħlijiet li jkunu saru waqt li jiċċertifikaw li x-xogħol ikun sar skont kif kien mistenni mill-klijent, li fil-każ tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubbliċi huwa l-gvern ta' Malta.

# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

# Il-Psikologu

SERVIZZ PUBBLIKU

**GĦALKEMM GĦADKOM ŻGĦAR JISTA' JKUN LI XI DARBA JEW OĦRA PPRUVAJTU TIFHMU ĊERTI EMOZZJONIJIET.**

**GĦALIEX IL-ĦBIEB TIEGĦI QED IĠIBU RUĦHOM B'TALI MOD?**
**GĦALFEJN IL-ĠENITURI QED JIRRABJAW MAGĦNA?**
**GĦALFEJN JIEN STESS GĦANDI N-NERVI?**

Biex nifhmu aħjar u nitgħallmu iktar fuq il-moħħ, il-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-imġiba hemm tip ta' xjenza li tissejjaħ 'psikoloġija'. Il-psikoloġija tistudja dak li naħsbu, inħossu u nagħmlu. Dawn kollha katina li flimkien jagħmluna min aħna.



Xi kultant ikun hemm sitwazzjonijiet fil-ħajja li jkunu ftit diffiċli, bħal pereżempju jekk biddilna l-iskola jew il-klassi u għadna qed nagħmlu ħbieb ġodda, biża' mill-eżamijiet, diffikultajiet id-dar ma' ħutna jew il-ġenituri, u forsi anki xi drabi nħossuna mdejqin jew irrabjati. Dawn huma kollha esperjenzi normali li kulħadd jgħaddi minnhom xi darba f'ħajtu, iżda nagħmlu tajjeb jekk infittxu l-counsellor tal-iskola jew professjonist ieħor biex nifhmu aħjar is-sitwazzjoni u x'nistgħu nagħmlu dwarha.

L-istudju tal-psikoloġija jgħinna f'diversi abbiltajiet, fosthom kif nikkomunikaw aħjar, nieħdu deċiżjonijiet aħjar u niżviluppaw ħiliet effettivi ta' tmexxija. Dawn il-ħiliet huma bżonjużi kemm fil-karriera kif ukoll fil-ħajja ta' kuljum.

Xi ftit mill-ħiliet li huma assoċjati mal-psikoloġija jinkludu:

- **li naħsbu b'mod kritiku**
- **il-komunikazzjoni verbali u miktuba**
- **il-kapaċità li nirriflettu**
- **il-motivazzjoni personali**
- **l-ippjanar u l-organizzazzjoni**

Il-psikoloġija hija utli għax toffri spjegazzjoni u tagħti r-raġunament wara l-imġiba tan-nies. Għalhekk professjonisti li studjaw il-psikoloġija jistgħu jgħinu lin-nies itejbu l-mod kif jieħdu deċiżjonijiet importanti, kif jikkontrollaw l-istress u kif mill-imġiba passata jagħrfu aħjar kif iġibu ruħhom fil-futur. Dan kollu jista' jgħin biex ikollkom karriera ta' suċċess, relazzjonijiet u ħbiberiji aħjar, iktar kunfidenza fikom infuskom u komunikazzjoni aħjar.

Karriera fil-psikoloġija tista' tvarja. Xi wħud mill-postijiet tax-xogħol fejn il-psikoloġija hija utli jinkludu l-iskejjel u l-isptarijiet. Hawnhekk il-psikologi jgħinu lin-nies fid-diffikultajiet tagħhom. Hemm ukoll psikologi li jispeċjalizzaw f'xi parti tal-psikoloġija, bħal pereżempju dik li tintuża fil-qasam tar-riżorsi umani għar-reklutaġġ, it-taħriġ u l-iżvilupp.

F'dipartimenti u aġenziji tal-gvern ukoll insibu impjegati li jifhmu fil-psikoloġija. Huwa għalhekk li s-Servizz Pubbliku, flimkien ma' tobba u professjonisti oħra, għandu fi ħdanu persuni li xogħolhom hu li jistudjaw kif in-nies jaħsbu, iħossu u jaġixxu, u jgħinu lin-nies jifhmu aħjar l-aġir u l-emozzjonijiet tagħhom biex flimkien jaħdmu ħalli jtejbu l-ġejjieni kemm personali u anki fil-post tax-xogħol.

Dawn il-professjonisti jużaw metodi differenti biex jgħinu lin-nies, skont il-ħtiġijiet individwali tal-persuna. Wieħed mill-iktar metodi komuni hu li l-professjonist jagħtik il-kuraġġ biex tiftaħ qalbek, tagħraf is-sitwazzjoni u flimkien taraw kif tistgħu timxu 'l quddiem b'mod aħjar.

Iżda ħaġa waħda għandkom tiftakru f'kull mument ta' ħajjitkom. F'każ li ssibu ruħkom f'diffikultà, tibżgħux titkellmu u tfittxu l-għajnuna. U jekk tinteressakom din il-karriera, aħdmu u stinkaw għax żgur li tagħtikom ħafna sodisfazzjon!



*Żomm kuntatt magħna!*

# VARIOUS ROLES WITHIN THE PUBLIC SERVICE

- Agriculture
- Architects
- Advocates
- Armed Forces/Civil Protection
- Dental
- Doctors/Nurse
- Education
- Engineering
- ICT
- Marketing
- Museums
- Psychologists/Care workers
- Police
- Restorer
- Scientific
- Technical
- Tourism
- Veterinary

- The Public Service employs around 30,000 staff while another 20,000 staff are employed by entities in the wider public sector.
- Amongst 80 different Sectoral Agreements and 290 different positions and counting.

public service

# CAREER GUIDANCE WITHIN THE PUBLIC SERVICE



- Career guidance is the process of helping public service employees and students in making adequate educational, training and occupational choices that are meaningful for them. It helps people to reflect on their ambitions, interests, qualifications, skills and talents and in taking career decisions based on the demand and requirements of the present and future of work

public service

# CAREER GUIDANCE TIPS




public service

# Never stop Learning

TRAIN YOUR BRAIN LIKE
YOU TRAIN YOUR BODY.

THE IMPORTANCE OF
READING AND STUDYING.



*"Learn continually – there is always one more thing to learn!"*

*- Steve Jobs -*

public service

# LEARNING WILL BROADEN YOUR EXPERIENCE

There are various roles within the Public Service.

All sectors have different Eligibility, most important is to get your O'levels (MQF lvl 3)

| | | | |
|---|---|---|---|
| Agriculture | Architects | Care Workers | Customs |
| Education | Engineering | ICT | Museums |
| Nursing | Health and Safety | Police | Psychologist |
| Restorers | Technical | Tourism | Veterinary |

public service

# WORK ON YOUR GOALS

- Set your Target and write it down.
- Tell someone about your goal.
- Break your goal down into steps.
- Plan your first step and keep growing.
- It's good to have Plan A and Plan B.
- It's OK to change your goals



public service

# CREATE YOUR OWN PATH.

- Be original and don't follow  someone else's path.

- Take advice from others but don't let them dictate your path.



public service

# FOLLOW YOUR PASSION!

- Do take note of the things you truly enjoy doing.
- List down your strengths and weakness.
- Find out what you spend hours reading or searching about.
- Always give it a try first.
- Practice turns passion into perfection.
- Do an online Personality Test to know yourself better.



public service

# SPEAK UP!

IT IS ALWAYS GOOD TO COMMUNICATE WITH YOUR PEERS, TEACHERS, GUARDIANS AND CAREER COUNSELLORS ABOUT YOUR CAREER GOALS.

SEARCH AND SEEK HELP FOR ANY INFORMATION ABOUT YOUR INTERESTS IN CAREERS.

WORK DIFFERENT SUMMER JOBS TO ENHANCE DIFFERENT SKILLS.